**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 8, miżmuma nhar il-Erbgħa 30 t'Ottubru 2019 fis-6.00pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier

Membri Skużati

- Anthony Delia — Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

**8.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

**Il Kunsill gie nfurmat li l-Kunsillier Anthony Delia jinsab indispost**
**Il-Kunsill ġie nfurmat li i-Kunsillier Stephen Cremona jinsab indispost minħabba urgenza li nqalat ftit ħin qabel il-laqgħa**
**Il- Kunsill ġie nfurmat Il-Kunsillier Carlos Zarb se jasal ftit tard peress li inqabad xogħol.**

**8.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (06) (07 urġenti)**

**Laqgħa Numru 06**
**Responsabiltajiet tal-Kunsilliera Pg 3 . Dokumenti mhux dokument.**
**Rimarka li dawn għandhom ikunu konnessi mal minuti.**
**Pg 6 6.4 (j) Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li għandha tinħareg sejjħa**

**Minuti approvati kif prezentati (7)**

**8.3 Punti mill-minuti**
**Christmas Bazaar**
**Il- Kunsill ġie nfurmat li għalkemm l-organizaturi tal Christmas bazaar b' risq it-tfal tal-Combodia gew nfurmati dwar id- decizjoni tal-Kunsill dawn ma kienux irrispondew l-emails li ntbagħtu lilhom.**

**Tender Road Surfacing and Footpaths**
**Il- Kunsill ġie nfurmat li Tender ta' Road Surfacing and Footpaths ntefgħet offerta waħda. Hemm qbil li jinġiebu r-rati kummerċjali u il-bord jerġa' jiltaqgha b'urġenza.**

**Tender ta'Passenger Transport**
**Il-Kunsill ġie nfurmat li Tender ta' Passenger Transport għalaq f' 29 ta' Ottubru 2019.**

**Tender Christmas Lights Bugibba ntefaw 3 offerti.**

**Xifer il-Kief**
**Il- Kunsill ġie nfurmat li Perit mar fuq il post sabiex janaliza x'permessi ghandhom jintalbu sabiex ikun jista jsirr ix-xogħol ta' konkrit f'din it-triq.**

**Bozoz limbordin**
**Il-Kunsill ġie nfurmat saret spezzjoni mis- Sindku u Kunsillier Anthony Delia fl-Imbordin sabiex jiġi stabbiliet kemm u x'tip ta' bozoz għandhom jitwaħħlu. Il- Kunsill qabel toħroġ sejjħa għal lampi li jaħdmu b'systema solar.**

**Triq San Guzepp il-Wardija Gie kjarifikat li dan mhuwiex l-isem ta' Triq li ser tiġi diskussa, għalhekk ser tigi verifikata. Il-Kunsill gie nfurmat li rceva emejl mingħand persuna li toqgħod f'din triq fejn wera xewqa li joħrog parti mill-ispejjeż. Il- Kunsill qabel ma din il proposta u nbagħtet emej lil resident izda il-Kunsill kien għadu ma irceviex risposta.**

**8.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**(a) Inqrat ittra li Kunsill irceva mingħand - Ms Kylie Fenech li taħdem Universita ta' Malta ( Medicina) fejn nfurmat li kienu qed joffru health care services.**
**Il-Kunsill qabel ma din il-proposta**

**(b) Il- Kunsill ġie nfurmat li Dr. Josianne Williams talbet *refund* tal-bollard taċ-ċavetta fi triq Sant Antnin li kien tħalla depozitu fuqha. Jekk jkun hemm prezenti l-irċevuta u ċ-ċavetta l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li tingħata d-depozitu lura. L-Kunsill qabel li jkun hemm l-irċevuta f idejn il-Kunsill.**

**(c) Applikazzjoni minn B'kara St.Joseph Club għall-24 ta' Novembru 2019.**
**Il – Kunsil approva minħabba li Triq indikata ma kienetx ser tingħalaq.**

**(d) Kennedy Grove – Il-Kunsill irceva talba sabiex issir vending machine fejn l-BusStop ta Kennedy Grove. Il-Kunsill ma jaqbilx minħabba li jizdied il ħmieġ madwar din il-Busstop.**

**(e) Il- Kunsill gie nfurmat bi skema ta' ghajnuna finanzjarja biex issir refurbishing fil -Librerija tal-Kunsill. Il-kunsill qabel li jippartecipa.**

**(f) Il- Kunsill irceva rikjesta mingħand s-Sur Lombardo biex jinħareġ permess biex jintrama globu kbir fi żmien il-Milied. Il-Kunsill approva bil-kundizzjonijiet segwenti:**

**Illi, dan jista jintrama fil-pjazza ta' Bugibba u fil-Christmas Village f'post indikat mill-kunsill.**

**Illi, b'kolloborazzjoni mal-kunsill jiġi allokat ħin ghar-residenti tal-lokalita ta' San Pawl il-Bahar biex jittieħdilhom ritratt ta' tifkira minghajr hlas, bl-ispejjes**
**tal-fotografu u r-ritratti jigu mhallsa mis-Sur Lombardo.**

**Il-kunsill ivvota €500 bagit ghal din l-okkazzjoni.**

**6.30pm Wasal il-Kunsillier Anthony Angelo Attard**

**(g) Il-Kunsill ġie nfurmat li MTA għadiet il-flus ta’ 3000 euro mwegħda sabiex issiru it-tzjijen tal-Milied f’zoni turistici ta’ 2018. L-MTA ikonfermat li din l-għajnuna ser tingħata għal Milied 2019**

**(h) Il-Kunsill ġie nfurmat li kien irċieva suġġeriment mingħand zagħzugħ li jbati min dijabete sabiex jinxtegħel kullimkien blu f’ xagħar ta’ Novembru huwa ddedikat għad-dijabete’. Il-Kunsill qabel li t-Torri ta’ Wignacourt jixtgħel blu.**

**6.35 pm Wasal il- Kunsillier Carlos Zarb**

**<u>8.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

**M'hemm l ebda mistoqsija.**

**8.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti –**

**8.6.1 Rapport ta Evalwazzjoni – SPB T/16/2019 u SPB T/09/2019**
**SPB T /16/2019**
**Il-Kunsill ġie prezentat b'Rapport ta' Evalwazzjoni – Hiring, Installation, Maintenance and Dismantling of Christmas Decorations in Bugibba. Il-Laqgħa giet sospiza għal ftit minuti sakemm jieġi analizat ir-rekomandazjoni tal- Bord ta' Evalwaturi.**
**Ir-Rapport gie approvat b'mod unanimu.**

**SPB T/09/2019**
**Ir-Rapport ta' Evalwazjoni ma ġiex prezentat minħabba li Bord ta' Evalwazzjoni ma kienx laħaq qabel il-laqgħa tal-Kunsill**

**Ġie suġġerit li ħlasijiet tal-Evalwaturi ikun ta' Ewro 55.00 vat inkluż li jinkludu x-xogħoll li jsir mid dar¸minimu ta' sagħtejn. Kien hemm oġġezjoni għalhiex dan is-sugget ma kienx fuq l-Agenda**

**8.6.2 Rapport Quaterly Financial Indicators Jan-Sept 2019**
**Il-laqgħa ġiet sospiza sakemm inattat spjegazjoni mil- Accountant tal-Kunsill.**
**Il-Kunsill approva rapport kif prezentat**

**8.7 Item : Użu ta' kmamar f'Burmarrad**
**Is-Sindku pprezenta kont li jammonta ghal €1,017.54 f'arrettrati għal servizz ta' main ta' l-ilma li jissuplixxi l-kmamar li gew konvertiti f'library Pollakka u li jinsabu fl-akkwati tal-ground tal-futbol ta' Burmarrad. Huwa saħaq li dan għandu jigi mħallas minn min ghamel uzu mill-kmamar u mhux mill-finanzi pubblici.**

**Ipprezenta d-dokumenti segwenti biex juri li ghalkemm l-ex Sindku Graziella Galea kienet konxja dwar li l-kmamar inkwistjoni ma jappartjenux lill-kunsill, xorta wahda ddecidiet li tghaddihom lil terzi persuni. Gie stabiliet ukoll, li l-kunsill diga hallas total ta' €2,629 f'kontijiet tad-dawl u ilma, internet u xkaffi ghal zmien ta' meta l-kmamar ma ntuzawx mill-kunsill u minghajr l-approvazzjoni tieghu.**

***Kuntratt ta' trasferiment bejn il-Gvern u BFC 8/04/2010***
***Kuntratt bejn Kunsill u BFC biex jithallsu €3,000 arrettrati 21/03/2012***
***Kont imhallas f' Settembru 2018 €1,777.71***
***Bilanc x'jithallas kont 28683568 €1,017.50***
***Minuti 25 tat-Tmien Kunsill 5/01/2017***
***Minuti 27 tat-Tmien Kunsill 5/02/2017***

**Ġie kkomunikat, li saret laqgħa bejn is-Segretarju Ezekuttiv, Ms Mariella Strout, is-Sindku Alfred Grima u l-kunsillier Paul Bugeja ma Ms Monika Frendo, il-persuna responsabbli mit-tmexxija tal-library Pollakka. Fejn din minn naha taghha nfurmat li l-ebda forma ta' ftehim ma gie ffirmat mal-kunsill.**

**Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra ufficjali lil Ms Monica Frendo biex din tagħmel tajjeb għal kont pendenti filwaqt li jigi nfurmat id-Dipartiment tal-Kunsilli lokali b'dan il-kaz.**

**<u>8.8 Item: Servizz ta' Telefon u Internet</u>**

**Il- Kunsill ġie nfurmat li f'23 ta'Novembru 2019, is-Sindku kellhu laqgħa ma GO PLC fl'ufficju il- Marsa. Din laqgħa saret f'sfond ta' ħsarat li Ufficju tal-Kunsill kien illu jesperjenza għal ħafna xhur. Is-Segretarju Ezekuttiv kien infurmat dwar din il-laqgħa. Eventwalment il-ħsara issa issewwiet. Il- Kunsill talab lil kumpanija GO sabiex tagħti riembors minħabba l-inkonvinjent li ġarab f'zmien ta' ħsarat. Din it-talba ġiet milquha. GO PLC għaddew is-somma ta' 320 euro excl VAT.**

**<u>8.9 Item: Xiri ta' Servizz ta' Land Surveryor</u>**

**Il- Kunsill id- diskuta diversi proġġeti Progetti tal-infrasturtura. Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill joħroġ sejjħa ta' Land Surveyor**

**<u>8.10 Item: Rimborse ta' Finanzi – Triq J.Quintinus</u>**

**Il- Kunsill gie nfurmat ili kienu ġew mogħdija 22,000 euro mir -Reġun Tramuntana min fond dedikat għal xogħolijiet fuq it-toroq.**

**<u>8.11 Item: Vetturi tal-Kunsill</u>**

**Ġie spjegat, li t-trakk il-gdid li igib in-numru tar-registrazzjoni SPB001 sewa lill-kunsill €46,610 (vat inkluza) u li x-xufier tieghu jehtieg li jkollu licenzja specjali.**
**Il-vettura l-gdida li taħdem bl-elettriku u li ggib in-numru ta' registrazzjoni SPB002**
**swiet lill-kunsill €35,943 (vat inkluza).Il-kunsill gie nfurmat ukoll, li l-karozza bir-**
**registrazzjoni ACB031 se tigi skrepjata f'Jannar 2020, bil-polza ta' l-assigurazzjoni**
**se tkun third party. B'hekk in-no claim bonus jinqaleb fuq it-trakk.**

**Il-Kunsill approva li l-van li igib numru tar-registrazzjoni EBN253 (Iggaraxjat) jinbiegħ**
**għall-parts, bi qbil li jekk ma jinbieghx sa l-ahhar tas-sena jigi skrepjat. Gie deciz ukoll**
**It-trakk bin-numru KBM 554 jinbidillu l-mudguard u fejn mehtieg biex jitla għall-VRT.**

**8.12 Item: Elderly Outings Dec 2019/ Jan 2020**

**Ġie prezentat programm ta' attivitajiet u ħruġ għal anzjani**
**10/12 – Stella Maris Church @ 0930**
**Bay Street**
**Buffet Lunch Plaza Hotel**
**Ritorn fis-2.30pm**

**13/01 – Quddies Raħal Ġdid**
**Tarxien Temples**
**Monte Kristo**

**Fi Frar – Quddiesa ir-Redentur tal-Isla**
**Malta Maritime Museum Birgu**
**Lunch Palm Valley**
**Il- Kunsill qabel mal-programm prezentat u irrengrazja lil Kunsilliera Antionette Bezzina tal-ħidma**

**8.13 Item: IT Basic Courses to Seniors**

**Ġie suġġeriet li isir IT course għall-anzjani**
**Il-Kunsill qabel li dan il-kors jigi offrut b'xejn lir-residenti b'karta ta'l-identita fuq San Pawl**
**il-Baħar, dejjem jekk jattendu sa mhux anqas minn 80% tal-kors.**

**8.14 Item: Attivitajiet Sportivi**

**Ġie suġġeriet li isir IT course għall-anzjani**
**Il-Kunsill qabel li dan il-kors jigi offrut b'xejn lir-residenti b'karta ta'l-identita fuq San Pawl**
**il-Baħar, dejjem jekk jattendu sa mhux anqas minn 80% tal-kors.**

**Ġie pprezentata attivita "Run 4 Charity" li sejra ssir taħt il-Patrocinju tal-President**
**tar-Repubblika fit-30/11/19. Huwa suggeriet li jingħataw medalji u trophies.**
**Il-Kunsill approva l-attivita b'bagit ta' €1,500.**

**<u>15/12 – Tournament tal-bocci</u>**
**Ġie pproponut "Tournament tal-Bocci" fil-pitch ta' taħt is-saqaf ta' Thalassalejn.**
**Attivita bil-partecipazzjoni tal-pubbliku u l-għaqdiet. Kien suggerit kompetizzjoni bejn**
**kunsilliera mill-lokalitajiet diversi b'Fee ta €10 li jmorru ghall-Community Chest Fund.**
**Il-Kunsill approva l-attivita b'bagit ta' €500**

**<u>8.15 Item: Activity Board</u>**
**Il- Kunsilliera Anne Fenech esprimiet id-dizappunt li kien hemm nuqqas ta'attendenza waqt il-Fish Fest. Hija ili l-Bord ma ġiex ikonsultat dwar diversi affarjiet bħal poster, egħuq ta' toroq u partecipanti. Il- Vici Sindku qal li huwa kien informa lil bord imma kien hemm min m'attendiex.**
**Kien hemm qbil ili l-kommunikazjoni bejn dawk involuti fil-Bord titjieb.**
**Il-Kunsillier Paul Bugeja iddikjara li ma kellu l-ebda intenzjoni li jitfa' dell ikrah fuq il-ħaddiema.**

**<u>8.16 Approvazzjoni ta' Kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi</u>**
**Is-Sindku ressaq mozzjoni biex l-pelican lights madwar il-lokalita isiru b'dawl LED minflok**
**bozoz Hydrogen, filwaqt li jinbidel il-wiring u l-globi kollha..**
**Mozzjoni giet approvata.**

**Saret rimarka dwar xiri ta fuel – Meħtieġ li tibda titieħed d-data u l-mili. Finanzi approvati kif miktuba. Ġiet preżentata ċirkulari 36/16 fejn hemm affarijiet oħra li m'għandiex tkun fl-aġenda. Il-kunsill qabel.**

**<u>8.17 Affarjiet Oħra</u>**

**Gie nnutat, li l-ammont ta' anzjani li jirrikorru l-Kunsill ghat-tilqima qieghed jonqos minn sena għal ohra meta il-popolazzjoni zdiedet.**
**Il-Kunsill gie nfurmat li ser jitħawlu diversi siġar**

**Il-kunsill gie infurmat li s-sejjħa għal reklutaġġ ta' skrivani u ufficjal ezekuttiv għalqet fit 29/10.**

**Illi se tintbaghat proposta għall-attivitajiet kulturali – Ġnien tal Millenju**

**Il-Kunsill approva proposta biex issir l-ikla tal Milied għal l-istaff kollu u Kunsilliera**

**<u>8.18 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss</u>**

**21/11/2019 – fis-6.30pm**

<IFFIRMATA>

**Alfred Grima**
**Sindku**

<IFFIRMATA>

**Mariella Strout**
**Segretarju Ezekuttiv**